# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR Dr. Grazio Mercieca LL.D.

**Seduta** ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001

**Avviz numru : 12/01GT (GM)**

**Victor Theuma .**

**-vs-**

**Mary Parnis .**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenuta ghandha tghid ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata minn dan l-Onorabbli Tribunal thallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145) mislufa lilha skond skrittura tat-28 ta' Jannar 2001 (kopja annessa dokument A) flimkien ma' l-imghaxijiet mit-28 ta' Jannar 2001 sad-data tal-hlas effettiv .**

**Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' April, 2001 .**

**Bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni .**

**Ra r-riferta mnejn jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz.**

**Ra n-nota li permezz taghha giet ceduta s-sorte izda nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez .**

**Ikkunsidra :**

**Illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret ghas-seduta ta' dan it-tribunal ;**

**Illi jirrizulta illi din il-kawza saret gustament minhabba n-nuqqas ta' hlas da parti tal-konvenuta ta' dak li kien minnha dovut skond skrittura esebita mill-attur Dok A, liema hlas sar biss wara li nbdiet din il-kawza ;**

**Ghaladaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-mertu ezawrit izda jilqa' t-talba ta' l-attur ghall-ispejjez ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' April, 2001 .**

**Gudikatur .**

S1201GtGm(220)

**Deputat Registratur .**